MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 8/2004

**Edwin Calleja fil-kapacita tieghu ta' esekutur testamentarju tal-mejta Giuseppa sive Jessie Abela**

**Vs**

**Lorenza sive Laura Cilia, Rev. Alosio sive Luigi Cilia, Tereza Cilia u Paolo Cilia**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' elf mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin u centezmu (Lm1,253.01c) dovuti kif spjegat fl-Avviz.

Ra n-Nota ta' l-attur li biha rriduca t-talba ghal sitt mija u tlett liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm603.79c).

Ra li b'Nota ulterjuri l-ammont pretiz gie ridott ghal hames mitt lira Maltin (Lm500).

Ra r-Risposta fejn Laura Cilia qalet li t-talba trid titnaqqas b'hames mitt lira Maltin (Lm500) bhala senserija fuq post f'Haz Zebbug u li hi kienet hallset l-avvizi f'gazzetti lokali.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-Affidavit ta' l-attur fejn l-ewwel jghid illi l-konvenuti gabru kirjat, cnus u qbiela ghal diversi snin u ghalhekk l-ammont dovut lill-mejta Giuseppa Abela hu ta' elf u hamsa u disghin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm1,095.37c).

Fl-istess Affidavit jghid illi Laura Cilia fl-2004 kienet hallset l-ammont ta' erba' mija u wiehed u disghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm491.58c) u ghalhekk baqa' l-bilanc ta' sitt mija u tlett liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm603.79c) favur il-mejta Abela.

Ra r-rendikont finali ta' bilanci dovuti lill-eredi ta' Giuseppa Abela fejn gie kkonfermat illi l-bilanc dovut mill-konvenuti huwa dak ta' sitt mija u tlett liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm603.79c).

Ra Risposta ohra ta' Laura Cilia fejn fl-ewwel eccezzjoni tghid illi l-ammont mitlub mhux dovut.

Fit-tieni eccezzjoni qalet li l-attur ghandu jaghti lill-istess konvenuta s-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

Fl-ahhar eccezzjoni qalet illi l-ammont mitlub huwa esagerat.

Ra x-xhieda ta' l-attur fejn jikkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz jirrigwarda l-perjodu 1997 - 2000. Jghid illi l-konvenuta kienet baghtet ittra fejn qalet li kienet ser thallas u kienet ukoll talbet *statement*.

Ra x-xhieda ta' Lorenza Cilia fejn tghid illi kien sar ftehim bejnha u bejn l-attur sabiex hi zzid il-bejgh tal-fond f'Haz

Zebbug u hu jhallasha tnejn fil-mija (2%) senserija fuq sehmu. Tghid ukoll illi r-reklam ta' dan il-fond kienet gabitu xi ghaxar darbiet fil-gazzetta u Philip Tanti kien xtara s-sehem tal-konvenuti fil-proprjeta'. Wara ftit zmien kienet saret taf li l-istess Tanti kien xtara s-sehem l-iehor minghand l-attur u ghalhekk tippretendi li tithallas hames mitt lira Maltin (Lm500) bhala senserija.

Ra xhieda ohra ta' l-attur fejn jichad li kien hemm ftehim dwar senserija. Il-bejgh tal-fond f'Haz Zebbug kien sar fl-1998 / 1999 u kien Philip Tanti li avvicinah sabiex jixtri s-sehem ta' Giuseppa Abela.

Jghid ukoll illi t-talba tas-senserija saret wara li giet intavolata din il-kawza.

Jikkonferma li l-konvenuta gieli ghamlet claims rigward avvizi li kienet gabet fil-gazzetta izda hu dejjem hallasha ta' dawn. Fuq dan il-post partikolari jichad li ghamlet claim.

**Ikkunsidra**

Illi m'hemmx Kontro-Talba u l-konvenuta ma gabitx bizzejjed provi biex turi li kien hemm ftehim dwar senserija u li hi ghamlet xoghol ta' sensal. M'hemmx ix-xhieda tal-partijiet involuti fil-bejgh. Illi biex ikun hemm tpacija d-dejn irid ikun cert u dovut.

Illi dwar l-ammont dovut, il-konvenuta tghid li l-ammont dovut huwa esagerat izda tonqos milli tghid kemm hemm dovut u ghaliex qieghda tikkontesta l-ammont. Illi bhala fatt jirrizulta li fil-mori tal-kawza l-attur naqqas sostanzjalment l-ammont mitlub.

Illi l-konvenuta m'ghamlet l-ebda Kontro-Talba, ma gabitx prova tas-senserija, m'esebiet kopja ta' l-ebda kuntratt ta' bejgh, ma gabitx prova ta' hlasijiet dwar avvizi u l-attur qal li l-konvenuta dejjem thallset ta' dawn l-avvizi u billi l-konvenuta naqset li tispjega tajjeb ghaliex l-ammont mitlub huwa esagerat jilqa' t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur bhala esekutur

testamentarju tal-mejta Giuseppa Abela s-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500).

Billi l-attur originarjament talab elf mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin u centezmu (Lm1,253.01c) l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------